MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru 781/2007

**ILLUM 28 TA' FRAR 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**NEVILLE ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Neville Abela ta' 25 sena, bin Oreste u Gemma nee' Saliba, mwieled nhar is-6 ta' Ottubru 1982, u residenti fil-fond 5, Triq l-Haddiem, Marsa, detentru ta' Karta tal-Identita' bin-numru 594582(M)

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Nhar il-24 ta' Settembru 2007 ghall-habta ta' 5.30a.m. gewwa t-triq Sant Rita u l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat b'diversi atti mghamulin b'rizoluzzjoni wahda;

Bill- hsieb li jghamel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u tagha bidu ghall esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittanta sabiex jikkommetti attakk u/ jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika kontra il-Persuni inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' fuq il-persuni ta' PC 571 F.Muscat u diversi ufficjali tal-Pulizija ohra filqat li kienu qed jagixxu ghall-esekuzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill awtorita' kompetenti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu u dan ai terminu tal- Artikoli 41, 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok hin u cirkostanzi Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 571 F.Muscat inkarigat sond il-Ligi minn servizz pubbliku li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqha kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' u dan ai terminu tal-artikoli 92, 95 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar  talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded lill-istess Ufficjali pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-Artikolu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija ezekuttiva u dan ai terminu tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikonsisti f'dagha u dan ai terminu  tal-Artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Fid-data u l-hin indikati, l-imputat flimkien mat-tfajla tieghu kien barra l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat jitkellem ma' habib tieghu membru tal-Korp. F'hin minnhom, ghadda minn hdejn l-imputat certu PC571 Frank Muscat u, ghal raguni pjuttost inspjegabbli, qam argument bejn dan l-Ufficjal u l-imputat. Hekk kif inqala' dan l-argument, l-imputat gie arrestat u ddahhal gewwa l-Ghassa tar-Rabat, u wara ittiehed ghal stqarrija u gie mressaq b'arrest fuq dawn l-imputazzjonijiet.

Il-Qorti tistqarr li dan il-kaz hu wiehed ghal kollox kurjuz. Huwa inspjegabbli kif inqala' l-kaz hekk f'daqqa wahda, meta kemm l-imputat kif ukoll PC571 kienu t-tnejn ghall-affari taghhom fejn l-Ghassa, wiehed jitkellem ma' siehbu u l-iehor diehel ghax-xoghol. PC571 xehed u qal li kien l-imputat li l-ewwel kellmu, u fost il-kliem li qallu heddu li "jahraqlu l-familja". Din l-asserzjoni gratuwita li l-imputat allegatament indirizzaha lill-istess PC571 hi wahda serja ghall-ahhar, u l-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija mill-istess kuntistabbli. Madankollu, jibqa' dubju kemmxejn konsistenti jekk l-affarjiet grawx hekk jew jekk kienx hemm xi malintiz konsiderevoli f'dan l-incident kollu. Dan qed jinghad mhux biss ghax l-istess imputat innega li qatt qal dawn il-kliem, izda ukoll ghax minkejja d-diversi xhieda okulari presenti,

hadd minnhom ma' sema' min lissen l-ewwel il-kliem “ghax nahraqlek il-familja”.

F’daqqa wahda qamet kommozzjoni shiha, bl-imputat jiddahhal fl-Ghassa, fost ghajjat u  protesti tal-istess imputat u t-tfajla tieghu, u l-Pulizija – madwar erba’ ufficjali – jippruvaw jikkontrollaw is-sitwazzjoni.

L-imputat idahhal gewwa l-Ghassa tar-Rabat, fejn hu ipprostesta l-innocienza tieghu b’mod insitanti. Il- pulizija xehedu li damu ftit hin biex ikkontrollawh, u jidher li l-imputat baqa’ jipprotesta, b’intensita’ differenti, ghall- hin kollu li hu dam arrestat, sal-mument li hu tressaq b’arrest.

Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat gab ruhu b’mod hazing mal-ufficjali tal-Pulizija. Hu naqa li jikkopera, gholla lehnu, uza kliem disprezzjattiv mal-Pulizija, u baqa’ jippersisti f’dan l-integgjament ghal diversi sieghat, sakemm aktar tard dak inhar stess hu tressaq b’arrest quddiem il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet. Ghandu jinghad, izda, li ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, din ma tirrizultax. Mix-xhieda pprodotta’ dik l-imputazzjoni ma rrizultatx ippruvata. Il-Qorti ma tistax tifhem kif gie attribwit xi attentat ta’ resistenza bi vjolenza fuq l-imputat, u li ma gratx minhabba f’okkorrenza accidentali indipendenti mill-volontat tieghu, meta l-Pulizija mall-ewwel arrestawh hekk kif iddahhal fl-Ghassa, u hu irresista l-arrest izda fi hdan limiti li ma wasslux ghall-imputazzjoni that l-Art. 96 tal-Kap 9.

Madankollu, il-kumplament tal-imputazzjonjiet irrizultaw ippruvati, ghalkemm l-imputat xehed u baqa’ jinsisti li l-incident kollu gara minghajr ma hu kellu ebda htija. Il-Qorti tifhem li r-raguni tal-incident u l-origini  tal-istess incident huma oskuri ghall-ahhar. Il- prosekuzzjoni tat verzjoni u l-imputat ta’ verzjoni ohra, u peress illi dan il-konflitt iqajjem dubju f’mohh il-Qorti, dan id-dubju ghalhekk qieghed jimmilita’ favur l-istess imputat, u ghalhekk il-Qorti qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni. Izda l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat sensegwentament ma rnexxielux

jikkontrolla l-imgieba tieghu, u sakemm hu dam that arrest hu wettaq ir-reati l-ohra indikati.

Ghall-fini ta' piena , il-Qorti hi tal-fehma li, ghalkemm l-incident kien wiehed serju, l-imputat ghandu fedina penali netta u ghad hemm id-dubju ta' kif beda l-incident kollu. Il-Qorti ma thossx li ghanha tirrestringi l-liberta' tal-imputat halli taghti piena ta' prigunerija, anke dik sospiza, izda l-piena ghandha tkun wahda ta' serveljenza kkontrollata fi hdan ordni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

Ghall- finjiet ta' kompletezza, il-Qorti li ghalkemm fit-tieni imputazzjoni jissemma' l-Art 18 tal-Kap 9, il-Qorti ma tara xejn li jinkwadra that ir-reat kontinwat fil-kuntest ta' dak l-istess artikolu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti,

Wara li rat l-Artikoli 18, 41, 92, 95, 96, 338(e)(ee)(dd),342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Din il Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza u ghal daqstant qed tilliberah minnha; (minghajr l-aggravju tal-Art. 18 tal-Kap 9),
Fil -waqt li qed issibu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' ,il-hames u sitt imputazzjonijiet u tordna li l-istesss imputat jitqieghed taht ordni tal probation ghal perjodu ta' sentejn mil llum ai terminu tal-artikolu 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------